9 ta' Diċembru, 1949

**Imħallef:**

L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.

Il-Pulizija *versus* Giuseppe Vella et.

**Ramel — Konfiska — Art. 7 (2) ta' l-Att XVI ta' l-1949 dwar il-Ħarsien tar-Ramel.**

*Kull vejikolu jew mezz ieħor ta' ġarr, flimkien ma' kull żiemel jew bhima oħra u ma' kull ħaġa li tkun li minnha sar użu, jew li jintwera l-ħsieb li jsir użu, biex jitneħħa r-ramel mix-xtajtiet bi ksur tal-liġi, għandhom jiġu konfiskati, barra minn meta xi persuna, li ma tkunx ħadet sehem fir-reat, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti. Dak il-jedd ma hux limitat mil-liġi; u għalhekk jista' jkun anki jedd ta' komproprjetà jew ta' użufrutt.*

Fuq l-akkuża talli fit-23 ta' Lulju 1949, f'Għajn Tuffieħa, l-akkużati neħħew u ġarrew, per mezz tat-truck no. 2204, ramel minn ramla, jew xatt il-baħar, jew post ieħor, mingħajr ma kellhom permess bil-miktub minn għand id-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi, u fuq it-talba tal-Pulizija għall-konfiska tat-truck u r-ramel, b'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarju ta' Malta tat-23 ta' Lulju 1949, kull wieħed mill-akkużati ġie kundannat għall-multa ta' £20, li kellha titħallas fi żmien xahar, u ġiet ordnata l-konfiska tat-truck no. 2204;

L-imputati appellaw minn dik is-sentenza, billi talbu li l-istess tiġi riformata fis-sens illi tibqa' konfermata fil-parti rigwardanti l-kundanna għall-multa, u tiġi revokata fil-parti rigwardanti l-konfiska tat-truck;

Il-Qorti, wara li rat..........., ikkunsidrat;

Illi skond is-sezzjoni 7 (2) ta' l-Att nru. XVI ta' l-1949 "dwar il-Ħarsien tar-Ramel", "kull vejikolu jew mezz ieħor ta' ġarr, flimkien ma' kull żiemel jew bhima oħra, u ma' kull ħaġa li tkun, li minnha sar użu, jew li jintwera l-ħsieb li jsir użu, biex jitneħħa r-ramel bi ksur ta' dan l-Att, jiġu konfis-

kati, barra minn meta persuna, li ma tkun ħadet l-ebda sehem fir-reat, ikollha jedd fuq dawk l-oġġetti". Dak il-jedd kontemplat f'dik id-dispożizzjoni tal-liġi jista' jkun anki dritt ta' komproprjetà jew użufrutt fuq l-oġġett, għax anki dawn jikkostitwixxu jedd fuqu; u l-liġi ma tillimitax il-jedd, għax evidentement ma tridx tolqot lil min ikun bla ebda ħtija ta' xejn;

Illi fil-fatti rriżulta assodat li t-truck in kwistjoni kien jappartieni lill-assi tal-komunjoni ta' l-akkwisti li Caterina Vella kellha ma' żewġha; u qasma ta' l-akkwisti ma jidherx li saret. Barra minn dan, żewġha ħallielha l-użufrutt anki tat-truck; u għalhekk fuq it-truck dik Caterina Vella għandha l-użufrutt, u anki l-komproprjetà fuq nofsu. Immela għandha jedd sod fuq dak it-truck;

Illi ma jirriżultax li dik Caterina Vella kellha ebda sehem, la dirett u lanqas indirett, fir-reat;

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' l-appell kif ġie ristrett għall-parti tas-sentenza li kkundannat għall-konfiska tat-truck, u tirrevoka dik il-parti ta' dik is-sentenza in kwantu ordnat il-konfiska tat-truck; salv li tibqa' ferma s-sentenza fuq il-kapi l-oħra.